MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 417/2008

**GO p.l.c. (C 22334)**

**vs**

**Joseph Anthony Gatt Rutter**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici fejn tordna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' is-somma ta' mitejn u tmienja u sittin Euro u wiehed u tletin centezmu (€268.31), ekwivalenti ghall-valuta antika ta' mija u hmistax-il lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm115.19), liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 21318862.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz.

Illi l-konvenut ammetta t-talbiet kif dedotti fis-seduta tas-7 ta' Jannar, 2009 u ghalhekk ma hemmx kontestazzjoni fuq il-kaz.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------